Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 78/15/1

**Lecocqassociate Ltd (C 51053)**

**(soċjeta` appellata)**

**vs**

**Audentia Capital SICAV plc (SV 207) għan-nom u fl-interess ta' Armatura Fund (Licence Holder PIF 207/A)**

**(socjeta` appellanti)**

12 ta' Lulju, 2019.

1. **Dan il-każ jirrigwarda talba għall-ħlas għal servizzi professjonali li l-attriċi ssostni li tat lill-konvenuta.**

2. Fir-rikors tagħha tat-2 ta' Marzu 2015 ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), is-soċjeta` attriċi talbet li s-soċjeta` konvenuta tiġi kkundannata tħallasha l-ammont ta' **€5,328.68** rappreżentanti servizzi professjonali mogħtija minnha, skont il-fattura numru 13009 u datata 7 ta' Jannar 2013 (**Dok AF-1**), bl-imgħax mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

3. Fit-tweġiba tat-30 ta' Marzu 2015 il-konvenuta qalet:

   (1) preliminarjament huwa opportun li l-proċeduri odjerni **jistennew l-eżitu tal-kawża fl-ismijiet "Lecocqassociate Ltd vs Audentia Capital SICAV plc**", Nru 194/2015/LM, li ukoll tirrigwarda allegati pendenzi ta' drittijiet professjonali dovuti minnha lis-soċjeta` attriċi;

   (2) preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, hija **mhix il-leġittimu kontradittur**, stante li s-servizzi intalbu minn Alberto Llaneza Martin;

(3) fil-mertu u mingħajr preġudizzju, li l-ammont mitlub mhux dovut stante li s-servizzi li għalihom qed jintalab il-ħlas kienu inklużi fi ***flat fee*** maqbula bejn is-soċjeta` attriċi u Alberto Llaneza Martin, liema ***flat fee*** ilha li tħallset sa mill-2012;

(4) mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-**sigħat u r-rati kkwotati huma eżaġerati.**

4. Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Mejju 2018 l-ewwel qorti caħdet l-eċċezzjonijiet kollha, u konsegwentement laqgħet it-talba tas-soċjeta` attriċi.

5. Fit-13 ta' Ġunju 2018 il-konvenuta appellat mis-sentenza tal-ewwel qorti. L-aggravji huma:

(i) **<u>L-ewwel aggravju – konfużjoni bejn bis-sentenzi 77/2015 u 78/2015.</u>**

Preliminarjament is-soċjeta` konvenuta taċċenna għall-fatt li l-eċċezzjonijiet tagħha f'din il-kawża (78/2015) kif riprodotti mill-ewwel qorti fis-sentenza appellata huma żbaljati, fis-sens li huma l-eċċezzjonijet 77/2018. In oltre tilmenta li anke r-raġunijiet tal-ewwel qorti isegwi prattikament b'mod identiku dak li intqal fis-sentenza l-oħra (77/2015), u għalhekk tgħid li dan jagħti x' jifhem li l-qorti ma qisitx il-każ preżenti fuq il-merti tiegħu iżda rriproduċiet ir-raġunamenti u l-argumenti li saru fis-sentenza l-oħra.

(ii) **<u>It-tieni aggravju – mhux minnu li hija l-leġittimu kontradittur.</u>**

Taċċenna għax-xiehda ta' Alberto Llaneza Martin fejn stqarr illi kien huwa stess li ikkuntratta mas-soċjeta` attriċi f'ismu <u>personali</u>, sabiex din tippresta s-servizzi professjonali konsistenti fit-twaqqif ta' SICAV, li hija "*Professional Investor Fund*" (PIF), u l-ewwel sub-fund taħt l-istess pjattaforma, li kellu jkun jisimha "*Armatura Fund*" u dan għall-prezz ta' €24,000. Targumenta li dan il-ftehim ma setax sar mas-SICAV li dak iż-żmien kienet għadha ma ġietx iffurmata. Tirreferi wkoll għall-emails

(AUD1 u 2, fol 130 u 133) u ssostni li dawn juru biċ-ċar li l-ftehim sar ma' Alberto Llaneza Martin, tant li kien hemm arranġament kif hu, fil-vesti personali tiegħu, kellu jagħmel il-pagamenti mitluba. Għalhekk issostni li l-unika relazzjoni kuntrattwali li setgħet eżistiet f' dak l-istadju hija waħda bejn Alberto Llaneza Martin u s-soċjeta` attriċi.

(iii) **<u>It-tielet aggravju – mhux minnu li ma ġabitx provi biżżejjed biex tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha.</u>**

Terġa tirreferi għax-xhieda b'affidavit ta' Alberto Llaneza Martin u anke tiċċita brani minnha, senjatament fejn qal li:

- Fil-5 ta' Ġunju 2012 ġie infurmat li s-soċjeta` attriċi għamlet **żball** konsistenti f' "*wording*" ħażin fl-"*offering documents*" (relattivi għas-sub fund "Audentia World Equity Fund") bir-riżultat li l-"*management fees"* u l-"*performance fees"* jiġu pagabbli lill-membri tal-external Investment Committee, u mhux lill-Founder Shareholders tas-SICAV;

- Fid-19 ta' Lulju 2012 Dominique Lecocq infurmah li kien ser jiċċarġjah aktar flus għal tibdil li kien sar aktar kmieni dik is-sena fir-rigward tal-kambjamenti relattivi għall-Founder Shareholders and Directors of the Scheme; Qal li qatt ma kien hemm ftehim f' dan is-sens u li anzi kien hemm ftehim li "*a flat fee would be charged*". Aċċenna għall-fatt li l-"*extra fees*" pretiżi fir-rigward tal-kambjamenti, fl-ammont ta' €24,095.26 huma prattikament l-istess valur ta dak pretiż għat-twaqqif tal-istruttura kollha, i.e. €24,000, u kkummenta kemm dan juri li tali "*extra fees*" huma "*ridiculously inflated*" u "*severely inproportional to the time and work required to affect such changes";*

- Kien hu personalment, li kkuntratta mas-soċjeta` attriċi "*to carry out any work in relation to the Scheme's structuring*", u li dak iż-żmien is-soċjeta` konvenuta ma kinitx teżisti.

Targumenta li wieħed kien jistenna li s-soċjeta` attriċi, rinfaċċjata b'implikazzjonijiet tant skjetti, tikkonduċi kontro-eżami ta' dan ix-xhud sabiex tipprova tgiddbu. Tilmenta li l-ewwel qorti ma qisitx b'mod xieraq il-veraċita` tal-affidavit tiegħu fid-dawl tal-fatt li ma sar ebda kontro-eżami fir-rigward. Argumentat li hu inspjegabbli kif fid-dawl ta' dan l-affidavit mhux kontradett b'kontro-eżami, u fid-dawl ta' provi dokumentarji esebiti mal-istess affidavit l-ewwel qorti setgħet tlumha li

ma "*ressqitx provi*".

Finalment, u b'referenza speċifika għall-fattura 13009 li tirreferi għal "servizzi addizzjonali" mogħtija fir-rigward tal-Armartura Fund, tgħid li mhux kontestat li Alberto Llaneza Martin u Dominique Lecocq in rappreżentanza tas-soċjeta` attriċi kienu ftehmu fuq ***flat fee*** għat-twaqqif ta' Armatura Fund u li din il-fee tħallset, iżda ssostni li ma kien hemm l-ebda ftehim dwar ħlasijiet dovuti għal allegati "servizzi addizzjonali", inkluż il-fattura mertu tal-każ. Tikkummenta li t-*timesheets* annessi mal-fattura Dok AF-1 juru li huma annessi mat-twaqqif tal-fund. In oltre' tilmenta li fuq it-*timesheets* hemm entraturi dwar il-ħin li ttieħed biex jintbagħtu emails: 20 minuta, 10 minuti u kwarta – u dawn b'rati ta' l fuq minn €100 fis-siegħa.

(iv) **<u>Ir-raba' aggravju – ir-rati mhux mifthema u/jew eżaġerati.</u>**

Tenfasizza li teżisti "*diskrepanza eżorbitanti*" bejn l-ammont li s-soċjeta` attriċi talbet bħala ħlas għat-<u>twaqqif</u> ta' SICAV u tal-ewwel sub-fund "Armatura" u dak mitlub għal <u>servizzi addizzjonali</u>, li jirrelataw xorta waħda mal-inkorporazzjoni taż-żewġ entitatjiet. Tenfasizza wkoll li qatt ma kien hemm ftehim dwar tali servizzi addizzjonali, u li qatt ma ġie esebit xi dokument li jindika li seta' kien hemm ftehim jew rikonoxximent fuq ir-rati. In oltre' tikkummenta li l-mod kif inħadmu l-kontijiet iqajjem ċertu dubji, u dan għaliex Dominique Lecocque kien jistrieħ fuq it-*time-sheets* imħejjija mill-impjegati tiegħu mingħajr ma jirriżulta li kien hemm xi eżerċizzju biex jiġi verifikat jekk is-sigħat indikati verament inħadmu, u jekk iż-żmien li ħadu biex sar ix-xogħol kienx verament mistħoqq.

6. Fl-4 ta' Lulju 2018 is-soċjeta` attriċi appellata wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

7. Wara l-qorti qrat l-atti tosserva kif:-

i. Fis-sentenza l-ewwel qorti għamlet żball meta fil-parti preliminari rriproduċiet l-eċċezzjonijiet li ngħataw fil-kawża numru 77/2015. Eċċezzjonijiet li mhumiex kollha identiċi għal dawk li ngħataw fil-kawża li dwarha titratta din is-sentenza.

ii. Il-parti tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza li tat l-ewwel qorti hi *cut and paste* tas-sentenza 77/2015.

iii. Fir-rigward tal-meritu l-ewwel qorti qalet, kif qalet fis-sentenza tal-kawża 77/2015, li:

> *"Dwar il-mertu s-soċjeta konvenuta qed teċepixxi li m'għandhiex tħallas lis-soċjeta attriċi minħabba żewġ raġunijiet:*
>
> 1. *Nuqqasijiet professjonali mis-soċjeta attriċi fit-tħejjija tad-dokumenti għat-twaqqif ta' dan il-fund tant li tgħid li tali dewmien ikkawża danni lis-soċjeta konvenuta.*
> 2. *Li s-sigħat u r-rati kkwotati mis-soċjeta attriċi fl-invoice tagħha huma eżaġerati meta mqabbla man-natura tas-servizzi mogħtija"*.

iv. Imbagħad l-ewwel qorti għaddiet biex tikkunsidra dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet biss. Pero' fil-kawża tal-lum il-konvenuta ma tatx eċċezzjoni li l-ammont mitlub mhuwiex dovut għaliex kien hemm *"nuqqasijiet professjonali mis-soċjeta attriċi fit-tħejjija tad-dokumenti għat-twaqqif ta' dan il-fund"*. Dik hi l-eċċezzjoni numru tlieta (3) fil-kawża 77/2015 (ara fol. 177 tal-kawża 77/2015).

8. B'hekk hu ċar li l-ewwel qorti ma qisitx it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta li taqra: *"3. Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammonti mitlub mhumiex dovuti stante illi, kif se jintwera fil-mori ta' dawn il-proċeduri, is-servizzi li għalihom qed jintalab il-ħlas kienu inklużi fi flat fee maqbula bejn is-soċjeta attriċi u Alberto Llaneza Martin, liema flat fee ilha li tħallset sa mill-2012"*. Fis-sentenza tal-ewwel qorti mhemmx konsiderazzjonijiet dwar dik l-eċċezzjoni.

9. Fuq il-kont numru 13009 datat 7 ta' Jannar 2013 li hu dak meritu tal-kawża, hemm stampat ***'Armatura Fund'*** u mbagħad rendikont tas-servizzi li ngħataw fil-perjodu bejn **l-24 ta' Ottubru, 2011 u 15 ta' Ottubru, 2012**. Il-konvenuta ssostni li x-xogħol li tiegħu l-attriċi kienet qegħda titlob il-ħlas f'din il-kawża, kien kompriż fis-somma ta' €24,000 li tħallset sabiex twaqqfet Audentia Capita SICAV plc u s-sub-fund Armatura. Somma li l-partijiet jirreferu għaliha bħala *flat fee*. F'dan ir-rigward għamlet ukoll riferenza għall-email datata 26 ta' Diċembru, 2012 li Dominique Lecocq (għall-attriċi) lil Alberto Llaneza u oħrajn u li fiha kiteb, *"The only invoice issued and paid so far, was the* ***set up of the umbrella and armatura sub-fund. I am in the process of preparing the invoice of second sub-fund"***. L-ewwel qorti kellha tiddeċiedi, fost'affarijiet oħra, jekk is-servizzi li jissemmew fl-invoice u rendikont a fol. 2 sa 3 tal-proċess, kinux inklużi fil-ħlas ta' €24,000 li l-attriċi rċeviet. F'dan ir-rigward jista' jkun ukoll rilevanti dak li xehed Dominic Lecoq:[1]

> *"The Flat fee for the umbrella of the Sicav and* ***also for the set up of Armatura fund were paid****. The flat fee for the World Equity Fund was not paid and all the additional work which was listed has not been paid either"*.

10. L-istess jingħad dwar dak li xehedet Leanne Scicluna fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2016[2] li kkonfermat li kien tħallas il-kont għax-xogħol li sar sabiex ġew inkorporati l-Audentia Capital Sicav u l-Armatura Fund. Ix-xhud qalet li kienet qegħda tippreżenta l-kont relattiv (Dok. CSH) u li kien imħallas. Kompliet tgħid:

> *"Fil-fatt hemm indikat ix-xogħol partikolari għal dan il-fund li effettivament tħallas u għalhekk* ***l-invoices pendenti u r-reklamati fir-rikors promotur jirreferu għax-xogħol li sar wara li effettivament dan il-fund ġie stabbilit****….."*.

11. Dokument li ma jinsabx fl-atti u minn dak li qalet ix-xhud il-qorti tqies li hu rilevanti sabiex jiġi determinat min mill-partijiet hu l-iktar kredibbli.

12. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, ifisser li l-ewwel qorti ddeċidiet dwar eċċezzjoni li ma ngħatatx fil-kawża 78/2015 filwaqt li ma kkunsidratx it-tielet eċċezzjoni li taqra:

[1] Fol. 111.
[2] Fol. 124.

*"3. Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont mitluba mhumiex dovuti stante illi, kif se jintwera fil-mori ta' dawn il-proċeduri, is-servizzi li għalihom qed jintalab il-ħlas kienu inklużi fi flat fee maqbula bejn is-soċjeta attriċi u Alberto Llaneza Martin, liema flat fee ilha li tħallset sa mill-2012".*

13. Hu minnu li fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel qorti qalet li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta. Pero' kellha tgħid għalfejn, u dwar it-tielet eċċezzjoni ma tat l-ebda raġuni għalfejn ċaħditha. Tielet eċċezzjoni li wkoll tikkonċerna l-meritu tal-kawża.

14. Il-konsegwenza tan-nuqqas tal-ewwel qorti jwassal għan-nullita tas-sentenza billi ovvjament il-konvenut ġiet preġudikata fil-jedd għal smigħ xieraq, billi kif rajna l-ewwel qorti kkunsidrat eċċezzjoni fil-meritu li ngħatat f'kawża oħra (77/15) u mhux l-eċċezzjoni li ngħatat fil-kawża 78/15. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-qorti ma tista' qatt tasal għall-konklużjoni li s-sentenza hi ġusta fis-sustanza tagħha (artikolu 790 tal-Kap. 12).

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel aggravju sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-24 ta' Mejju, 2018. Tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel qorti sabiex terġa' tiddeċiedi mill-ġdid a bażi tal-eċċezzjonjiet li tat il-konvenuta (ovvjament mhux inkluż dik deċiża b'mod preliminari).**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet stante li ħadd mill-partijiet ma kellu tort għal dak li ġara.**

Anthony Ellul.